# L-Ingress tal-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi nhar it-2 ta' Mejju 1944

## *Is-sehem tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u tal-Banda L'Isle Adam f'dan l-Ingress*

**minn Mario Fenech**



Wieħed mill-Isqfijiet ta' Malta li spiss nisimgħu dwaru huwa l-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Dan kien għamel l-Ingress Solenni tiegħu fil-Katidral tal-Imdina nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 1944.

Kienu saru preparamenti għal dan l-Ingress Solenni minn kumitat li kien twaqqaf bil-għan li kollox ikun organizzat sew sal-inqas dettall. Wara li kienu diġà saru xi żjarat minn Mons. Gonzi fil-Belt Valletta fejn kien spezzjona wkoll Gwardja tal-Unur fi Pjazza San Ġorġ, huwa kien ġie meħud lejn ir-Rabat b'karrozzella.

Tul it-triq huwa ntlaqa' f'diversi lokalitajiet minn folol ta' nies u bid-daqq mill-baned tal-post. Mal-wasla tiegħu fil-Pjazza tas-Saqqajja huwa sab jistennewh flimkien mal-Membri tal-Kleru, bosta nies kif ukoll il-Banda L'Isle Adam li daqqet l-Innu Pontifiċju.

Wara li nqara diskors ta' merħba mill-President tal-Kumitat Organizzattiv, iż-żewġ Presidenti tal-Baned tar-Rabat, il-Konti Sant Fournier u s-Sinjur J. dei Conti Formosa Speranza rċevew minn għand l-Isqof l-Istandarti tas-Soċjetà tagħhom li mbagħad għaddhom lil żewġ Bandisti li marru bihom ħdejn il-Banda tagħhom.

Mis-Saqqajja akkumpanjat miż-żewġ Baned tar-Rabat li daqqew marċi brijużi l-Isqof twassal sal-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani fejn għadda l-lejl.

L-għada filgħodu għall-ħabta tat-8.15 a.m., l-Isqof telaq minn Pjazza San Duminku lejn il-Knisja ta' San Mark fejn huwa għamel viżta quddiem Ġesù Sagramentat. Imbagħad l-Isqof biddel il-Cappa Magna mal-ilbies pontifikali.

Minn hemmhekk bdiet l-purċissjoni li fuq quddiem tagħha mxew il-fratelli tal-Wisq Antika Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat, imbagħad imxew il-membri tad-diversi ordnijiet tal-patrijiet, il-membri tal-Kulleġġ tal-Kappillani, il-membri tal-Kapitlu tal-Bażilika Elenjana ta' Birkirkara, u l-membri tal-Kapitlu tal-Katidral Metropolitan.

L-Isqof rikeb fuq debba bajda li kienet imlibbsa b'damask ta' kulur isfar u abjad, rigal li kien offra



*L-Arċisqof Gonzi riekeb il-karozzella għaddej mill-pjazza ta' quddiem il-Palazz, il-Belt (dak iż-żmien Pjazza San Ġorġ) sejjer lejn ir-Rabat għall-Ingress tiegħu fl-Imdina*




*Jistennew il-wasla tal-Arċisqof Gonzi ħdejn il-knisja ta' San Mark ir-Rabat*



*L-Arċisqof Gonzi riekeb fuq id-debba sejjer lejn il-Katidral waqt l-Ingress tiegħu*



*Taħt il-baldakkin waqt l-istess Ingress tiegħu sejjer lejn il-Katidral*



*Għaddej minn taħt l-Ark Trijonfali li jintrama fil-Festa ta' Corpus Domini fir-Rabat li kien ġie armat apposta għal din l-okkażjoni speċjali fi Triq Villegaigon, fl-Imdina*

lill-Katidral il-Gran Mastru Nicola Cottoner. Il-baldakkin intrefa' minn tmien membri tan-Nobilltà ta' Malta.

L-purċissjoni għaddiet minn fuq is-Saqqajja lejn il-Bieb tal-Imdina fejn matul it-triq kien hemm folol ta' nies jagħtu merħba xierqa lill-Isqof.

Meta l-purċissjoni waslet ħdejn il-bini li qabel fih kien hemm il-Banca Giuratale, il-Banda Konti Ruġġieru daqqett l-Innu tal-Papa filwaqt li l-Kjeriku Philip Grech li dak iż-żmien kien student fis-Seminarju qarà messaġġ ta' merħba minn fuq pulptu żgħir li kien hemm mal-ġenb tat-triq.

Wara li ntemm dan il-messaġġ ta' merħba l-purċissjoni tkompliet lejn il-pjazza ta' quddiem il-Katidral. Il-Banda L'Isle Adam li kienet f'nofs l-istess pjazza, daqqet l-Innu tal-Papa waqt li l-Isqof kien għaddej minn nofs il-Banda.

Din l-okkażjoni speċjali mbagħad tkompliet fil-Katidral fejn l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi ġie konsagrat bħala l-Arċisqof Metropolitan ta' Malta minn fejn mexxa l-Knisja f'bosta okkażjonijiet ta' sinifikat kbir.

Fost dawn iċ-ċerimonja solenni tal-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' San Ġużepp ix-Xiħ meqjuma fis-Santwarju ddedikat lilu tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp anness mal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, nhar l-Ewwel ta' Mejju 1963 fuq il-Fosos tal-Furjana.


## SKOLA TAL-MUŻIKA GĦAQDA MUŻIKALI L'ISLE ADAM

Infakkru li t-tagħlim tal-mużika qiegħed isir f'dawn il-ġranet:

L-Erbgħa mis-6.30pm - 8.30pm : Allievi Strumenti tar-Ramm - Mro. Joseph Chircop

Il-Ġimgħa mill-4.00pm - 6.00pm : Bandisti stabbiliti - Strumenti tal-Qasba u Teorija - Mro. William Debattista

Is-Sibt mit-8.00am - 10.00am : Allievi Strumenti tal-Qasba - Mro. Richard Bugeja

Is-Sibt mill-10.00am 12.00pm : Bandisti stabbiliti -Strumenti tar-Ramm - Mro. Jesmond Azzopardi

Dawk interessati għandhom jiġbru applikazzjoni mill-każin. It-tagħlim ikun offrut mingħajr ħlas.